# Il-Perspettiva Tiegħi

## Tama għall-Ġejjieni

Il-maġġuranza tal-ġenituri bi dħul baxx il-lum isibuha diffiċli li jlaħħqu ma' l-għoli tal-ħajja u jissodisfaw il-ħteġiet kollha tal-familja. Ħafna ġenituri għandhom sfida kif imantnu l-familji tagħhom b'impjiegi li joffru benefiċċji baxxi u li ma jsibux appoġġ pubbliku. Fl-istess ħin, is-sidien iridu jibbilanċaw l-oġġettivi finanzjarji u produttivi tagħhom f'suq li huwa dejjem aktar globali u kompetittiv. Dan jirrikjedi dibattitu dwar ir-rwoli tas-settur pubbliku u dak privat f'oqsma bħall-assikurazzjoni għas-saħħa, in-nuqqas ta' snajja meħtieġa fl-ekonomija, u l-ħtieġa għal vakanzi mħallsa biex il-ġenituri jieħdu ħsieb it-tfal.

F'kull dibattitu dwar appoġġ lil familji li l-kapijiet tagħhom jaħdmu, jiena nara erba' suġġetti speċifiċi: (1) iċ-ċirkustanzi u l-kundizzjonijiet ta' ħaddiema u familji bi dħul baxx, l-impjiegi li għandhom, is-sidien li jaħdmu magħhom, u l-komunitajiet fejn igħixu; (2) strateġiji biex kemm is-settur pubbliku kif ukoll is-sidien itejjbu s-snajja tal-ħaddiema u jtuhom għajnuna biex javvanzaw; (3) il-limitazzjonijiet tas-sistema ta' assikurazzjoni statali fir-rigward ta' ħaddiema bi dħul baxx; u (4) miżuri biex ġenituri bi dħul baxx ikunu mgħejjuna ħalli jibbilanċaw aħjar ir-responsabbiltajiet tagħhom fil-familja u fir-rigward tas-sidien.

Fis-snin li ġejjin is-suq tax-xogħol se jkun milqut minn ċaqlieq demografiku li jġib miegħu għadd akbar ta' anzjani u għadd iżgħar ta' żgħażagħ li jidħlu fis-suq tax-xogħol. Diġà kellna diversi okkażjonijiet fejn sidien ilmentaw li mhux qegħdin isibu ħaddiema adattati f'ċerti setturi, u jekk is-suq tax-xogħol ikun karatterizzat minn żbilanċ bejn id-domanda u l-provvista dan iwassal għal pressjoni 'il fuq fuq il-pagi fl-istess ħin li jkabbar is-siwi tal-ħaddiema lis-sidien. Wieħed allura jistenna li dan jiftaħ il-bieb għal bidliet fuq il-post tax-xogħol, minkejja li hemm min isostni li l-globalizazzjoni tista' tkun theddida għall-pagi u l-benefiċċji li jgawdu ħaddiema bla sengħa jew mhux imħarrġa.

Aħna għandna grupp kbir ta' ħaddiema potenzjali fl-għamla ta' nisa miżżewwġa li ma jaħdmux. Huwa fatt bli 29 fil-mija biss tan-nisa Maltin jaħdmu, imqabbel ma' targiet fl-Aġenda ta' Lisbona ta' 41 fil-mija sas-sena 2010. Biex jintlaħaq dan it-targiet, madwar 16,000 mara se jkollhom joħorġu jaħdmu. Huma se jkollhom bżonn aktar inċentivi u appoġġ, bħal ngħidu aħna għażla akbar u b'miżati raġunevoli ta' ċentri li jieħdu ħsieb it-tfal. Bħalissa għandna ċentri li jakkomodaw madwar 13.5 fil-mija tat-tfal kollha, waqt li t-targiet huwa 33 fil-mija. L-iskema ffinanzjata mill-UE li tnediet dan l-aħħar hija pass 'il quddiem, iżda jeħtieġ li jsir aktar.

M'huwiex ċar jekk il-Gvern Nazzjonalista jemminx bis-sħiħ f'dan, meta l-Prim Ministru rreaġixxa għal rimarki kritiċi mill-Kummissjoni Ewropea billi qal li f'Malta huma n-nanniet li jieħdu ħsieb it-tfal meta l-ġenituri jmorru jaħdmu!

Forsi wasal iż-żmien li nħajjru investiment fi strateġiji li jindirizzaw il-ħteġiet ta' tfal li jitrabbew f'familji bi dħul baxx u jtejjbu l-opportunitajiet tagħhom. Ġaladarba, aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar se jkollna tfal li l-ġenituri tagħhom jaħdmu, appoġġ akbar fuq il-post tax-xogħol żgur li jħalli riżultati sinjifikanti għal familji bi dħul baxx.

Riċerka magħmula kemm f'Malta kif ukoll f'pajjiżi barranin turi li tfal li jkollhom ġenituri li jaħdmu għal paga baxxa huma l-inqas li jkunu lesti biex jibdew l-edukazzjoni tagħhom. Li tfal bħal dawn jingħataw edukazzjoni bikrija effettiva u li l-ġenituri tagħhom jingħataw sussidji biex jieħdu t-tfal f'ċentri li jieħdu ħsiebhom, ikun pass importanti lejn ugwaljanza fl-opportunitajiet u biex il-ġenerazzjoni li ġejja tkun imħejjija għal impjiegi li jirrikjedu snajja. Ir-riżultati koroħ li qed jiksbu t-tfal ta' l-iskejjel fil-Cottonera huma tal-mistħija u m'għandhomx ikunu tollerati iżjed.

Fl-aħħarnett, l-ispiża dejjem tikber tal-kura medika u s-sehem akbar li qiegħda tassorbi mill-ispiża soċjali tal-gvern iġagħluk tinkwieta. Waqt li ħadd ma jikkontempla li nirtiraw lura mill-għan ta' kura medika universali b'xejn, il-fatt li ħafna ħaddiema m'għandhomx skemi privati tas-saħħa għandu implikazzjonijiet għall-ispiża ta' l-Istat, u jidher li se jkollna nikkunsidraw li aktar nies ikollhom skemi privati supplimentari għall-kura medika. Is-soluzzjonijiet jeħtieġu kontribuzzjoni kemm mis-settur pubbliku kif ukoll dak privat, bl-għan komuni li l-ħaddiema ikollhom sigurtà aħjar.

Meta nfasslu aġenda biex nagħmlu riċerka dwar dan u nipproponu miżuri, il-materji li għandna nistudjaw jinkludu l-għajnuna li tista' tingħata lil familji bi dħul baxx, kif nistgħu niffinanzjaw din l-għajnuna, x'tip ta' inċentivi għandhom jingħataw, u kif l-iskemi ta' għajnuna jkunu jilħqu l-akbar għadd ta' familji. Inkunu rridu nanalizzaw ukoll x'għandu jkun ir-rwol tal-gvern u kif istituzzjonijiet privati u intermedjarji oħra jkunu jistgħu jieħdu sehem u joffru riżorsi għal dawn l-iskemi.

Naturalment, soluzzjoni faċli tkun li jiżdiedu l-pagi tal-ħaddiema bi dħul baxx, iżda din trid twieżinha mal-fatt li l-esportaturi tagħna diġà qed jiffaċċaw kompetizzjoni ħarxa fi swieq barranin. Għalhekk, waqt li żidiet fil-pagi ġustifikati minn titjib fil-produttività jistgħu joffru xaqq ta' dawl, hemm bżonn li nikkunsidraw bilanċ tajjeb bejn ir-rwoli pubbliċi u privati sabiex il-ħaddiema jibdew igawdu benefiċċji non-monetarji. Ngħidu aħna, huwa possibbli li niffinanzjaw il-frank u s-sick leave għall-ġenituri permezz ta' inċentivi fiskali jew "karrotti" oħra, permezz tan-nefqa ġenerali tal-gvern, b'regulamenti li jorbtu lis-sidien, jew b'xi taħlita ta' dawn il-mekkaniżmi?

Xi esperti ssuġġerew dak li sejjħulu metodu tal-"kafeterija" kif is-sidien u n-negozji jagħżlu huma x'kontribut iridu jagħtu, ngħidu aħna billi jiddeċiedu iridux jinvestu direttament fit-taħriġ u jingħataw kreditu tax-taxxa jew, minflok, jikkontribwixxu lejn programmi ta' taħriġ organizzati mis-settur pubbliku.  Jew, ġaladarba qed naraw żieda konsistenti fl-għadd ta' ħaddiema part-tajm, jeżisti skop għal kuntratt soċjali ġdid ibbażat fuq ix-xogħol u li ma jkunx dipendenti fuq xogħol regulari, fl-istess ħin li jagħti każ ta' livell li kulħadd jaċċettah bħala standard diċenti ta' l-għajxien?

L-Istat għandu jgħin lis-sidien jiżviluppaw post tax-xogħol li jirrendi ħafna, mhux wieħed ibbażat fuq pagi baxxi relattivament ma' l-UE.  Aħna għandna tendenza li niftaħru kemm il-ħaddiema Maltin huma edukati, iżda dan kemm hu minnu?  Hemm eluf ta' ħaddiema li lanqas għandhom is-snajja u l-edukazzjoni minima, jew li saħansitra huma llitterati.  Il-fatt hemm qegħdin, fosthom fl-istatistika li turi li 83 fil-mija tal-persuni kollha li kienu jirreġistraw għax-xogħol is-sena li għaddiet lanqas kellhom livell ordinarju ta' edukazzjoni.